# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 552/21/1 AJD**

**Leon-John Cutajar u b'digriet tal-21 ta' Ġunju, 2022 Giovanna *sive* Jeanette Pocock assumiet l-atti tal-kawża odjerna bħala mandatarja speċjali tal-assenti Leon-John Cutajar**

**v.**

**Dr. Joseph Carbone maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Doris Cutajar, Ann Elizabeth *sive* Annalise Cutajar u Helen Joan Cutajar**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Giovanna *sive* Jeanette Pocock, f'isem l-attur Leon-John Cutajar, minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Marzu, 2023, fejn fih ġie

ddikjarat li l-ishma li wirtu l-partijiet mingħand Francis Cutajar għandhom jiġu regolati mil-liġi ta' fejn jinsab il-ġid immobbli (*lex situs*), li f'dan il-każ hija l-liġi Maltija.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-4 ta' Ġunju, 2021, l-attur Leon-John Cutajar fisser li hu u l-konvenuti wirtu mingħand Francis Cutajar disa' beni immobbli li jinsabu f'Malta. L-attur jgħid li Francis Cutajar miet ġewwa l-Awstralja fis-7 ta' Lulju, 2017 mingħajr ma għamel testment biex jirregola l-wirt tiegħu. Għalhekk jgħid li l-wirt tiegħu waqa': (i) fuqu u fuq il-konvenuti Ann Elizabeth Cutajar u Helen Joan Cutajar bħala wlied Francis Cutajar; u (ii) fuq il-konvenuta Doris Cutajar bħala mart Francis Cutajar.

3. L-attur ikompli billi jgħid li qatt ma ntlaħaq ftehim mal-konvenuti dwar kif għandu jinqasam dan il-wirt u jżid li sadattant bħala l-unika persuna preżenti f'Malta għamel xi xogħlijiet u serviġi li dwarhom huwa jistħoqqlu jingħata kumpens. Minħabba f'hekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-kontendenti huma komproprjetarji: (i) tal-maisonette fil-ground floor level bin-numru uffiċjali 32 u bl-isem ta' "Monalisa House" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (ii) tal-fond bin-numru uffiċjali 34 bl-isem ta' "Ave Maria" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (iii) tal-fond bin-numru uffiċjali 36 bl-isem ta' "Penrith" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (iv) tal-maisonette bin-numru uffiċjali 38 bl-isem ta' Lourdes" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (v) tal-fond bin-numru uffiċjali 40, bl-isem ta' "Sweet" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (vi)*

*tal-fond bin-numru uffiċjali 40B bl-isem ta' "Seashell" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (vii) tal-maisonette bin-numru uffiċjali 42 bl-isem ta' "Carmann" fi Triq Francesco Buhagiar fil-Qrendi; (viii) tar-razzett fil-Qrendi mlaqqam "Ta' Rikka tal-kejl ta' ċirka 3,250m.k. bil-ġustijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u jikkonfina mil-Lvant ma' Triq il-Muddejn, nofsinhar ma' beni ta' Giovanni Cassar jew l-aventi causa minnu, u mit-Tramuntana mal-Isqaq tal-Lhudija; (ix) tal-għalqa magħrufa bħala "Tal-Ħarrub" fil-limiti tas-Siġġiewi, liema għalqa għandha l-kejl ta' ċirka 1,319m.k.;*

*2. Tordna l-qasma tal-istess beni bejn il-kontendenti prevja li jiġi redatt pjan ta' diviżjoni bl-opera occorrendo ta' periti nominandi u prevja li tistabbilixxi l-ishma li kull wieħed mill-komproprjetarji għandu skont il-liġi;*

*3. Tordna li kemm-il darba l-beni miżmuma in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, il-beni komuni tal-kontendenti jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi;*

*4. Tiddikjara li l-attur għamel xogħlijiet u rrenda serviġi fil-beni de quo li minnhom ibbenefikaw il-konvenuti;*

*5. Tillikwida kumpens għal tali xogħlijiet u serviġi;*

*6. Tordna lill-konvenuti jħallsu sehemhom mill-ammont likwidat, dejjem fil-kwoti rispettivi;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuti, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.»*

4. Il-konvenuti wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fit-13 ta' Ottubru, 2021 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi l-eċċipjenti mhux jopponu għall-qsim tal-beni komuni bejn il-kontendenti, dment li fil-qasma jidħlu l-beni kollha li jistgħu talvolta jkunu komuni bejn l-istess kontendenti, u dment ukoll li dik il-qasma ssir skont il-liġi u l-kwoti rispettivi li kull parti għandha fl-istess beni komuni, u in segwitu għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet veljanti bejn il-mejjet Francis Cutajar u l-konvenuta Doris Cutajar;*

*2. Illi l-beni komuni bejn il-kontendenti għandhom jitqiesu li huma komodament diviżibbli, u f'każ li jiġi konkluż il-kuntrarju, kull liċitazzjoni li tiġi ordnata għandha ssir bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;*

*3. Illi t-talbiet tal-attur għall-ħlas ta' xogħlijiet u serviġi hija preskritta a*

*tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;*

*4. Illi bla ħsara għas-suċċċepit, f'kull każ mhux minnu li l-attur wettaq xi xogħlijiet jew serviġi fil-beni komuni, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi unikament fuqu;*

*5. Illi bla ħsara għas-suċċċepit, l-attur żamm f'idejh frottijiet mill-beni komuni kif ukoll gawda waħdu l-istess beni, u għalhekk għandu jikkumpensa lill-konvenuti;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2022 (ara paġna 100 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tħalli l-kawża biex tagħti deċiżjoni dwar il-liġi li għandha titqies bħala applikabbli f'din il-kawża.

6. B'sentenza parzjali mogħtija fl-10 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat:

*«illi l-liġi illi għandha tapplika dwar l-ishma li wirtu l-partijiet mill-eredità ta' Francis Cutajar hija l-lex situs, u ċjoè, fil-każ tal-immobbli elenkati fir-rikors promotur, illi kollha jinsabu f'Malta, **il-liġi Maltija**.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riżervati għall-ġudizzju finali.»*

7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*«Din id-deċiżjoni tirrigwarda l-liġi illi għandha tiġi applikata sabiex jiġu determinati l-kwoti rispettivi tal-kontendenti mill-wirt ta' Francis Cutajar, illi għamel żmien jgħix Malta u żmien jgħix l-Awstralja. L-azzjoni odjerna hija actio familiae erciscundae, miġjuba mir-rikorrent fil-konfront ta' ommu u ħutu għad-diviżjoni tal-wirt ta' missieru Francis Cutajar; iżda jidher illi ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar jekk il-kwoti illi għandhom dritt għalihom il-partijiet rispettivi mill-eredità inkwistjoni għandhomx jiġu determinati skont il-liġi Maltija, jew dik Awstraljana;*

*Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Doris Mamo noe v. Bank of Valletta plc et*** *(Appell Ċiv Nru 112/2002, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Lulju 2010, illi kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Azzopardi, 12 ta' Marzu 2008), il-Qorti tal-Appell ikkonfermat dak illi kien intqal minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, u ċjoè illi:*

> *«[...] Ġie ripetut diversi drabi mill-Qrati tagħna li fejn ma hemmx liġi li tapplika għall-każ, għandhom jiġu addottati r-regoli tad-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit. "Fil-liġi tagħna ma jistabux disposizzjonijiet li jirregolaw id-dritt internazzjonali privat u fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt dan id-dritt il-Qrati tagħna jimxu fuq ir-regoli tad-Dritt internazzjonali privat kif huma magħrufin u applikati fil-Qrati ta' l-Ingilterra." (***Giovanna Spiteri v. Enrico Soler et*** *– Qorti ta' l-Appell – 22 ta' Ottubru, 1937). Dan l-insenjament ġie repetut diversi drabi u għalkemm probabbilment mibni fuq il-premessa dubjuża li dan id-dritt huwa brank tad-dritt pubbliku, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddipartixxi minnu. Naturalment matul dawn l-aħħar snin daħlu diversi normi li jirregolaw uħud mir-regoli li japplikaw f'ċertu ċirkostanzi, iżda dan żgur ma sarx fir-rigward ta' kwistjoni bħal dik odjerna.»*

*Min-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet jidher illi l-fatt illi, fejn ikun hemm lacuna fil-liġi Maltija, għandhom jiġu applikati regoli tad-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit, huwa fatt illi mhux qed jiġi kontestat (Vide l-aħħar paragrafu f'paġna 2 u l-ewwel tliet paragrafi f'paġna 3 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti noe (a fol 106-107 tal-proċess) u paragrafi tlieta u erbgħa f'paġna 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat noe (a fol 114 tal-proċess);*

*Dwar ir-regoli tas-suċċessjoni fid-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit,* ***Briggs****, fil-ktieb tiegħu* ***The Conflict of Laws (****Briggs A, Conflict of Laws (Oxford Univeristy Press, 3rd Edn, 2013) 325), jispjega illi:*

> *«Where the deceased dies without leaving a valid will or fails to will a part of her estate, the intestate succession is governed by the domiciliary law of the deceased at the date of her death, except that succession to immovables is governed by the lex situs. (***Balfour v. Scott*** *(1793) 6 Bro PC 550).»*

*Hekk ukoll jikkummenta* ***Cheshire*** *fil-ktieb tiegħu* ***Private International Law (****Cheshire G. C., Private International Law (The English Language Book Society & Oxford University Press, 6th Edn, 1961) 603 ):*

> *«Most foreign countries have adopted the principle of unity of succession by which questions relating to intestacy or to wills are governed by one single law, the personal law of the deceased, irrespective of the nature of the subject-matter. England, however, together with other Anglo-Saxon countries, has consistently adhered to what is called the principle of scission under which the destination of immovables on the death of the owner is governed by the lex situs, not by the law of his domicil as in the case of movables.*

> *Accordingly, where the owner of immovables dies intestate, the order of descent or distribution prescribed by the lex situs is applied by the English court no matter what his domicil may have been.»*

*Kjarament, għalhekk, f'każ fejn persuna tmut intestata, taħt id-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit,* ***il-proprjetà immobbli tagħha tiddevolvi skont il-lex situs****;*

*Dak espost f'***Mamo noe v. Bank of Valletta plc et** *suċitata, ġie wkoll konfermat mill-fatt illi f'ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin ġiet applikata l-liġi tal-lex situs f'actio familiae erciscundae fejn id-decujus ikun miet intestat. Hekk, per eżempju, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* **John Bezzina pro et noe et v. Maria Borg et** *(Ċit Nru 76/1992/1, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), Maġ Dr Paul Coppini, 30 ta' Mejju 2003 (in ġudikat)), ġie ritenut dwar eredi illi miet fl-esteru,*

> *«Ma jirriżultax illi dan għamel xi testment rigward il-beni tiegħu f'dawn il-gżejjer, u għalhekk a tenur tad-dritt privat internazzjonali tapplika l-lex situs u wirtuh ab intestatio rigward sehmu mill-beni mmobbli mħollija mill-ġenituri tiegħu ż-żewġ ulied Kim Dieni u Patricia Bourke (art 789 tal-Kap 16).»*

*Ir-rikorrenti noe, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tinsisti illi għalkemm huwa minnu illi l-Qrati Maltin applikaw f'numru ta' sentenzi l-lex situs, id-dottrina ta' scission mhix sine qua non għal każijiet bħal dawk odjerni, u tagħmel referenza, bħala eżempju, għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet* **Salvina Xerri pro et noe et v. Dr Richard Sladden noe et** *(Ċit Nru 1032/05, Qorti tal-Appell, 15 ta' Diċembru 2015), fejn ġie applikat il-prinċipju tal-universalità tal-wirt u, b'konsegwenza, il-lex domicilii;*

*Madankollu, hekk kif jispjega l-konvenut noe fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, din il-Qorti tinnota, illi minn din is-sentenza appena ċitata jirriżulta, iżda, illi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi kellha tapplika l-lex domicilii. Infatti, il-Qorti tal-Appell qalet,*

> *«Għalkemm il-proprjetà immobiljari inkwistjoni tinsab f'Malta, l-atturi qed jibbażaw it-teżi tagħhom għall-applikazzjoni tal-liġi Maltija mhux a bażi tal-lex situs* ***li, in ġenerali, għandha tirregola l-materja għal dak li jikkonċerna immobbli*** *(ara, per eżempju* ***Soprounovskaia v. Bartolo noe*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru 2012 u* ***Whelon v. Said*** *deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, fis-26 ta' Jannar 2010), iżda fuq il-fatt li, skont huma, il-missier żamm id-domiċilju Malti avolja emigra lejn l-Awstralja» (Enfasi miżjuda minn din il-Qorti).*

*Il-Qorti tal-Appell għalhekk irrikonoxxiet illi, b'mod ġenerali, kwalsiasi materja illi tirrigwarda immobbli għandha tiġi determinata fit-termini tal-lex situs, iżda, fil-każ partikolari, in konsiderazzjoni tal-fatt illi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi kellha tapplika l-lex domicilii, u in konsiderazzjoni*

*tal-fatt illi l-massa ereditarja hija oġġett wieħed u proprjetà waħda, kien aktar raġonevoli li tiġi adottata l-lex domicilii f'materja ta' wirt;*

*Din il-Qorti taqbel mal-konvenut noe illi s-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Xerri pro et noe v. Dr Richard Sladden noe et****, kienet eċċezzjoni għar-regola, kif infatti ġie rilevat mill-Qorti tal-Appell stess. Jirriżulta illi, bħala regola ġenerali (u ċjoè mhux f'każijiet ta' wirt biss), hija l-lex situs illi tiġi applikata fi kwistjonijiet dwar immobbli, bħalma ġie ritenut infatti fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Anna Faniello v. Dr Renzo Porsella Flores noe (****Appell Ċivili Nru 1011/2002, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Frar 2015 (enfażi miżjuda minn din il-Qorti)), illi għalkemm ma kinitx tirrigwarda ċirkostanzi ta' wirt, kienet tirrigwarda immobbli f'pajjiżi differenti:*

> *«Oltre dan, din il-Qorti żżid li anke kieku jkollha tagħti raġun lill-appellanti f'dan ir-rigward, l-istess Qorti ma tarax kif tista' tapplika l-liġi ta' Malta fir-rigward ta' proprjetà li tinsab barra minn Malta,* ***fis-sens li huwa magħruf illi fir-rigward tal-immobbli tapplika normalment il-lex situs*** *(ara per eżempju s-sentenzi* ***Soprunovskaja v. Bartolo noe****, 18 ta' Ottubru 2012 u* ***Xerri v. Sladden noe*** *5 ta' Ottubru 2011,* ***Lanzon v. Cassar Galea nomine*** *19 ta' Ġunju 1951 – kollha tal-Prim'Awla u aktar dettaljatament* ***Margaret Attard v. Dr Ian Spiteri Bailey nomine*** *29 ta' April 2004 Qorti tal-Appell) [...]»*

*Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandu jkun hemm regola illi tirrigwarda immobbli f'ċirkostanzi ta' wirt, u regola differenti illi tirrigwarda immobbli in ġenerali, stante illi regoli differenti jservu sabiex joħolqu konfużjoni ikbar minn dik illi jsolvu. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi l-lex situs ġie applikat mill-Qrati Maltin saħansitra anke fi kwistjonijiet ta' wirt, bħal fil-każ odjern;*

*Il-fehma ta' din il-Qorti ġiet enunċjata wkoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Eleazar Galea et v. Dr Simon Micallef Stafrace noe et*** *(Rik Ġur 417/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ L Schembri Orland, 12 ta' Lulju 2018 appellata)):*

> *«Illi ġie ritenut bir-rispett, li l-prinċipji li jirregolaw il-materja ta' dritt internazzjonali privat fl-ordinament ġuridiku tagħna kienu konsistentement fis-sens li fejn hemm lacuna fil-liġi Maltija, għandhom jiġu adottati r-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat tar-Renju Unit, u dawn ir-regoli fiż-żmien tad-deċess kienu japplikaw il-lex situs għas-suċċessjoni fuq immobbli. Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddipartixxi minn dawn il-prinċipji u hija tal-fehma li l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tad-decujus għal dak li jirrigwarda l-wirt tal-immobbli huwa l-lex situs, fil-każ odjern, il-liġi Maltija billi l-immobbli jinstab f'Malta.»*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi għall-każ odjern għandha tapplika l-lex situs, u ċjoè l-liġi Maltija;*

*Konsegwentement, ġaladarba ġie deċiż illi ma tapplikax il-lex domicilii, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidħol fil-kwestjoni tad-domiċilju tad-decuius, u konsegwentement ser tastjeni milli tagħmel l-istess.»*

8. B'digriet mogħti fil-21 ta' April, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat permess lill-attriċi *nomine* taħt l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex tkun tista' tappella minn din is-sentenza parzjali.

9. L-appell tal-attriċi *nomine* ġie mressaq fit-22 ta' Mejju, 2023 u fih hija talbet biex tiġi mħassra s-sentenza appellata ħalli minflok il-*lex situs* ta' fejn jinsabu l-beni immobbli (i.e. il-liġi Maltija), jiġi ddikjarat li l-liġi applikabbli f'dan il-każ għandha tkun il-liġi tad-domiċilju tal-mejjet Francis Cutajar (i.e. il-liġi Awstraljana).

10. Il-konvenuti wieġbu għal dan l-appell fit-13 ta' Ġunju, 2023, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li l-appell tal-attriċi *nomine* għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Il-kwistjoni li trid tiddeċiedi għalissa din il-Qorti hija: liema liġi għandha tirregola l-qsim tal-ġid immobbli f'Malta, illi ħalla warajh Francis Cutajar, illi miet ġewwa l-Awstralja nhar is-7 ta' Lulju, 2017.

13. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li fil-liġi Maltija m'hemmx regoli speċifiċi ta' dritt internazzjonali privat dwar suċċessjoni u għalhekk fuq is-saħħa tal-ġurisprudenza Maltija hija straħet fuq id-dritt internazzjonali privat Ingliż, li jħaddan is-sistema tax-xiżma (*scission*). Skont din is-sistema l-ġid mobbli tal-mejjet huwa regolat mil-liġi tad-domiċilju tiegħu, filwaqt li l-ġid immobbli tal-mejjet huwa regolat mil-*lex situs,* jiġifieri, mil-liġi fejn tkun tinstab il-proprjetà immobbli. F'dan il-każ, il-beni immobbli li dwarhom saret din il-kawża jinsabu kollha f'Malta. Għalhekk l-Ewwel Qorti bit-tħaddim tas-sistema tax-xiżma wżata fl-Ingilterra ddikjarat li l-liġi applikabbli f'dan il-każ għandha tkun il-liġi ta' fejn jinsabu dawn il-postijiet immobbli *i.e.* il-liġi Maltija.

14. L-attriċi *nomine* ma qablitx ma' din il-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti u fl-appell tagħha hija saħqet li hemm ġurisprudenza Maltija li tgħid li l-liġi applikabbli f'każijiet ta' suċċessjoni b'elementi internazzjonali għandha tkun il-liġi tad-domiċilju tal-mejjet u mhux il-liġi ta' fejn jinsabu l-beni immobbli. Barra minn hekk, l-attriċi *nomine* tgħid li dan kollu huwa

wkoll rifless fir-**Regolament (UE) Nru 650/2012** dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

15. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti jirrispondu għall-appell billi jgħidu li l-ġurisprudenza Maltija hija ċara ħafna li f'każijiet bħal dawn il-liġi li għandha tirregola l-beni tal-mejjet għandha tkun il-*lex situs*. Iżidu li l-attriċi *nomine* ma tistax tirreferi għar-**Regolament (UE) Nru 650/2012** għaliex hija qatt ma semmietu quddiem l-Ewwel Qorti. F'kull każ, huma jgħidu li dan ir-Regolament ma japplikax għaliex din il-kawża mhijiex dwar il-qsim tal-wirt kollu tal-mejjet, iżda dwar il-qsim ta' beni immobbli partikolari. Jagħlqu billi jgħidu wkoll li l-**Artikolu 30** tal-istess **Regolament** jagħraf il-prevalenza tal-*lex situs* f'każ ta' ġid immobbli. Għalhekk itennu li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija tajba u għandha tibqa' kif inhi.

16. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li mhux minnu dak li qalet l-Ewwel Qorti li fil-liġi tagħna m'hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw suċċessjonijiet li jkun fihom elementi internazzjonali. Kemm hu hekk, fil-**Kodiċi Ċivili** tagħna nsibu titlu sħiħ mill-**Artikolu 958A** sal-**Artikolu 958K**, li huwa ddedikat fuq is-suċċessjonijiet transkonfinali.

17. Skont l-**Artikolu 958B tal-Kodiċi Ċivili**, id-dispożizzjonijiet tar-

**Regolament (UE) Nru 650/2012** dwar is-Suċċessjoni għandhom japplikaw għal suċċessjonijiet transkonfinali mis-17 ta' Awwissu, 2015 'il quddiem.

18. L-għan wara dan ir-**Regolament** huwa biex jipprova jsolvi l-problemi li jħabbtu wiċċhom werrieta ta' persuna li fil-waqt tal-mewt tiegħu jkollu proprjetajiet mifruxa f'diversi pajjiżi differenti jew inkella fejn il-mejjet ikun jgħix f'pajjiż differenti minn fejn ikunu jinsabu l-werrieta tiegħu. Il-ħsieb tal-leġislatur Ewropew kien li bl-armonizzjazzjoni tal-liġijiet fl-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini jkunu f'qagħda aħjar li jorganizzaw is-suċċessjoni tagħhom bil-quddiem billi jkunu jafu liema liġi sejra tapplika għall-patrimonju tagħhom. Hekk ukoll l-iskop huwa li d-drittijiet tal-werrieta, tal-legatarji, tal-persuni l-oħra qrib tal-mejjet u kif ukoll tal-kredituri tas-suċċessjoni jkunu garantiti b'mod effettiv.

19. Bil-għan li jintlaħqu dawn il-miri, dan ir-**Regolament** jirregola: (i) il-ġurisdizzjoni; (ii) il-liġi applikabbli; (iii) l-għarfien, l-infurzabbiltà u l-infurzar tad-deċiżjonijiet, strumenti awtentiċi u tranżazzjonijiet ġudizzjarji li għandhom x'jaqsmu mas-suċċessjoni; u (iv) il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

20. Bħala karatteristiċi ewlenija dan ir-Regolament jimponi: (i) ġurisdizzjoni lil awtorità waħda; (ii) liġi applikabbli waħda kemm għall-ġid

mobbli u kif ukoll għall-ġid immobbli, b'mod ewlieni msejsa fuq il-kriterju tar-residenza abitwali tal-mejjet fil-mument tal-mewt tiegħu; (iii) il-possibilità tal-għażla tal-liġi min-naħa tat-testatur meta jagħmel it-testment; (iv) l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-forom tat-testmenti; (v) iċ-ċirkolazzjoni ħielsa u mingħajr xkiel ta' atti relatati mas-suċċessjoni madwar l-Unjoni kollha; u (vi) il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni sabiex persuni jiksbu l-istat ta' werriet jew ta' amministratur tal-wirt fi ħdan l-Unjoni Ewropea kollha u dan mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalitajiet oħra.

21. Il-kelma suċċessjoni tinsab imfissra fir-**Regolament** bħala kull forma ta' trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligi minħabba mewt, sew jekk permezz ta' trasferiment volontarju bħal pereżempju testment jew patt suċċessorju, u sew jekk permezz ta' trasferiment bl-operazzjoni tal-liġi bħal meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tas-suċċessjoni *ab intestato*.

22. Illi fil-każ tal-lum, Francis Cutajar miet bla testment fis-7 ta' Lulju, 2017, jiġifieri wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-**Regolament**. Għalhekk dak li rridu naraw huwa jekk is-suċċessjoni transkonfinali tiegħu hijiex regolata b'dan ir-Regolament Ewropew jew le.

23. Il-konvenuti appellati jsostnu li dan ir-**Regolament** ma japplikax għaliex din il-kawża mhijiex waħda għall-qsim tal-wirt kollu, iżda hija

waħda maħsuba għall-qsim ta' beni immobbli partikolari.

24. Dan l-argument tal-konvenuti appellati iżda mhuwiex wieħed fejjiedi. Anzi tali argument imur kontra l-ispirtu tar-Regolament innifsu, li jrid li għandu jkun hemm liġi waħda li tapplika għall-ġid kollu tal-mejjet. Fil-fatt l-**Artikolu 23.1** tar-**Regolament** jagħmilha ċara ħafna li l-liġi applikabbli għandha tirregola s-suċċessjoni fl-intier tagħha. Jiġifieri l-liġi applikabbli għandha tkopri l-proprjetà kollha li tifforma parti mill-partimonju tal-mejjet, u dan lil hemm min-natura tal-beni u lil hemm mill-post ta' fejn jinsabu.

25. F'dan ir-rigward il-**premessa 37 tar-Regolament** tgħid li:

> *«Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suċċessjoni, dik il-liġi għandha tirregola s-suċċessjoni fl-intier tagħha, jiġifieri l-proprjetà kollha li tifforma parti mill-partimonju, irrispettivament min-natura tal-beni u minkejja jekk il-beni jkunux jinsabu fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz.»*

26. Sewwasew bil-miġja ta' dan ir-**Regolament**, il-kunċett tax-xiżma (*scission*) bejn ġid mobbli u ġid immobbli, prevalenti fl-Ingilterra u li għamlet riferenza għalih l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ġie abbandunat għas-sistema unitarja ta' liġi waħda li tgħodd għall-ġid kollu tal-mejjet irrispettivament ta' fejn dawn jinsabu.

27. Jinżel b'hekk, li kontra dak li jgħidu il-konvenuti appellati, il-fatt waħdu li f'din il-kawża qed jintalab biss il-qsim tal-ġid immobbli li jinsab

f'Malta, ma jeskludix it-tħaddim tar-Regolament. Dan għaliex b'riħet ir-Regolament, xorta hija liġi waħda li hija applikabbli. Liġi din, li għandha tkun l-istess kemm għall-ġid li Francis Cutajar ħalla f'Malta, kif ukoll għall-ġid li l-istess Francis Cutajar ħalla ġewwa l-Awstralja. Wara kollox skont l-**Artikolu 23.2(j)** tar-**Regolament** il-liġi applikabli għandha tirregola l-kondiviżjoni (jew aħjar qsim) tal-patrimonju.

28. Jgħidu ħażin ukoll il-konvenuti appellati li l-**Artikolu 30 tar-Regolament** jagħraf il-prevalenza tal-*lex situs* f'każ ta' ġid immobbli. Dan l-Artikolu mkien ma jgħid li l-wirt ta' ġid immobbli għandu jiġi regolat skont il-liġi fejn jinsab dak il-ġid. Mod ieħor dan l-artikolu jagħraf biss, li minħabba konsiderazzjonijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, ċerta proprjetà immobbli, ċerti impriżi u kategoriji speċjali oħra ta' assi huma soġġetti għal regoli speċjali fl-Istat Membru fejn jinsabu u jistabbilixxu restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' dawk l-assi. Għalhekk meta jkun hemm dawn iċ-ċirkostanzi, l-**Artikolu 30** jgħid u jrid li dawn ir-regoli speċjali għandhom jibqgħu jiġu applikati minkejja dak li tkun tgħid il-liġi applikabbli.

29. Fil-kuntest legali Malti, dan ifisser li r-regoli bħal ngħidu aħna, ir-restrizzjonijiet fis-sehem riżervat li nsibu fil-**Kodiċi Ċivili**, il-mod kif jintirtu kirjiet agrikoli taħt l-**Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba'** u kirjiet residenzjali protetti, u l-jedd ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali kif regolati

fil-**Kodiċi Ċivili** għandhom jibqgħu applikabbli xorta waħda irrispettivament ta’ xi tkun tgħid il-liġi applikabbli tas-suċċessjoni.

30. Hekk stabbilit li r-**Regolament 650/2012** tas-suċċessjoni jgħodd għall-każ tagħna, dan neċessarjament iwassalna għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx sew meta ddeterminat il-liġi applikabbli fuq il-bażi tal-liġi Ingliża u fuq il-bażi ta’ ġurisprudenza antika ta’ qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament Ewropew. Suppost hija kellha tiddetermina l-liġi applikabbli fuq il-bażi ta’ dan ir-Regolament.

31. Dan ifisser ukoll li l-argumenti kollha mressqa mill-partijiet dwar jekk il-ġurisprudenza Maltija tal-imgħoddi kinitx ixxaqleb favur it-tħaddim tal-*lex situs* (kif hekk jgħidu l-konvenuti appellati), jew favur il-*lex domicilii (*kif issostni l-attriċi *nomine*), huma għalkollox irrilevanti, la llum dik il-ġurisprudenza ġiet superata bl-avvent tar-Regolament.

32. Il-konvenuti appellati iżda fir-risposta tal-appell tagħhom jaqilgħu l-problema legali li r-Regolament Ewropew qatt ma ġie msemmi quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk skonthom dan huwa punt ġdid li ma jistax jiġi mqajjem fi stadju tal-appell.

33. M’hemmx għalfejn ngħidu li huwa magħruf, li din il-Qorti bħala waħda ta’ reviżjoni trid iżżomm ma’ dak li jkun ingħad u tressaq quddiem

l-Ewwel Qorti għaliex kien fuq dawk il-ħwejjeġ li dik il-Qorti tkun fasslet u tat is-sentenza appellata. B'danakollu fil-każ tal-lum, ma jirriżultax li l-aggravju mqajjem mill-attriċi *nomine* joħroġ 'il barra mill-parametri ta' dak li ġie jew kellu jiġi deċiż mill-Ewwel Qorti. Il-mistoqsija li kellha twieġeb l-Ewwel Qorti kienet dwar liema liġi għandha tgħodd għal dan il-każ, u l-aggravju tal-attriċi *nomine* huwa sewwasew dwar it-tweġiba li tat l-Ewwel Qorti. Huwa veru li kif rajna l-Ewwel Qorti tat it-tweġiba l-ħażina, b'daqshekk però dan ma jfissirx li l-appell huwa fuq punt differenti għaliex l-appell xorta baqa' dwar il-liġi applikabbli għall-każ.

34. Il-fatt li l-Ewwel Qorti ma qisietx ir-Regolament Ewropew fis-sentenza tagħha minħabba li ħadd mill-partijiet ma semmih, m'għandux iċaħħad lill-attriċi *nomine* milli tagħmel referenza għalih fl-aggravju tagħha dwar il-liġi applikabbli. Ukoll jekk il-partijiet ma jsemmux il-liġi applikabbli, il-Qorti hija dejjem mistennija li tħaddem il-liġi t-tajba. Wara kollox huwa miżmum li *iura novit curia*, jiġifieri li l-Qorti hija meqjusa li taf il-liġi u la dan hu hekk, il-partijiet f'tilwima legali m'għandhomx l-obbligu li bilfors joqogħdu jeċċepixxu jew jippruvaw il-liġi li tgħodd għall-każ tagħhom. Dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti hija dejjem marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet fil-kawża (ara ***Avukat Henri Mizzi nomine et v. Telestarr Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2019 u ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

35. B'żieda ma' dan, il-konvenuti appellati ma jistgħux jippretendu li f'kuntest ta' aggravju dwar il-liġi applikabbli, din il-Qorti għandha tagħlaq għajnejha u ma tagħtix kas għar-**Regolament Ewropew** bħallikieku din il-liġi ma teżistix. Tassew daqskemm teżisti bażi ta' ritrattazzjoni ta' kawża minħabba li Qorti tkun applikat liġi b'oħra, daqstant ieħor għandu jkun hemm il-jedd tal-appell fuq ir-raġuni li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tapplika l-liġi t-tajba għall-każ inkwistjoni. U dan irrispettivament jekk il-liġi tkunx issemmiet quddiem l-Ewwel Qorti jew le.

36. Terġa' u tgħid f'dan il-każ, il-konvenuti appellati kellhom l-opportunità fir-risposta tal-appell tagħhom li jressqu argumenti dwar l-applikabbilità jew le tar-Regolament Ewropew. Argumenti li din il-Qorti esprimiet ruħha dwarhom aktar kmieni f'din is-sentenza.

37. Tħares minn fejn tħares għalhekk din il-preġudizzjali tal-konvenuti appellati qiegħda tiġi mwarbba.

38. Jifdal biss li din il-Qorti tara liema għandha tkun il-liġi applikabbli f'dan il-każ skont ir-Regolament Ewropew.

39. Illi skont l-**Artikolu 20** tar-Regolament il-liġi applikabbli tista' tkun kemm liġi ta' stat membru tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll liġi ta' stat li

mhuwiex bħal pereżempju l-liġi Awstraljana. L-**Artikolu 21** imbagħad jgħid li b'mod ġenerali, «*il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tad-deċedut fl-intier tagħha għandha tkun il-liġi tal-Istat li fih id-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tal-mewt*.»

40. Din ir-regola ġenerali tgħodd sakemm ikun ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li, fil-mument tal-mewt, id-deċedut kien manifestament aktar marbut ma' stat ieħor, f'liema każ il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni għandha tkun il-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor.

41. Kunċett ġdid imdaħħal fl-**Artikolu 22** tar-Regolament huwa li t-testatur ingħatalu l-jedd li jista' jagħżel il-liġi li tirregola s-suċċessjoni tiegħu, basta però li l-liġi magħżula tkun dik taċ-ċittadinanza tiegħu fil-mument tad-dispożizzjoni *causa mortis* jew mal-mewt tiegħu. Fil-każ tagħna, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli minħabba li mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li Francis Cutajar ma għamilx testment.

42. La dan hu hekk, il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tal-ġid kollu ta' Francis Cutajar għandha tkun regolata skont l-**Artikolu 21 tar-Regolament**, *viz.* mil-liġi tal-Istat li fih Francis Cutajar kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tal-mewt jew mil-liġi tal-Istat fejn Francis Cutajar kellu l-aktar rabta fil-mument ta' mewtu.

43. Għalkemm m'hemmx tifsira ta' residenza abitwali fit-test tar-Regolament, però fil-**premessa 23** tar-**Regolament** insibu li sabiex tiġi determinata r-residenza abitwali, il-Qorti għandha twettaq valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi tal-ħajja tal-mejjet fis-snin qabel mewtu u fil-mument ta' mewtu, filwaqt li tqis ukoll l-elementi fattwali rilevanti kollha, b'mod partikolari t-tul ta' żmien u r-regolarità tal-preżenza tal-mejjet fl-Istat ikkonċernat kif ukoll il-kondizzjonijiet u r-raġunijiet għal dik il-preżenza. Ir-residenza abitwali hekk determinata għandha tiżvela rabta stabbli u mill-qrib mal-Istat ikkonċernat b'kont meħud tal-għanijiet speċifiċi tar-Regolament.

44. L-istess premessa tkompli tgħid li f'ċertu ċirkostanzi bħala meta xi ħadd ikun siefer fit-tul għal raġunijiet professjonali jew ekonomiċi iżda xorta jżomm rabta stabbli u mill-qrib mal-Istat tal-oriġini tiegħu, f'dak il-każ, dak li jkun jista' jitqies li għad għandu r-residenza abitwali tiegħu fl-Istat ta' oriġini li fih kien jinsab iċ-ċentru ta' interess tal-familja tiegħu u tal-ħajja soċjali tiegħu.

45. Barra minn hekk, meta l-mejjet ikun għex f'diversi Stati alternattivament jew ikun vjaġġa minn Stat għall-ieħor mingħajr ma jkun issetilja b'mod permanenti f'xi wieħed minnhom, jekk il-mejjet kien ċittadin ta' wieħed minn dawk l-Istati jew kellu l-beni ewlenin tiegħu kollha f'wieħed minn dawk l-Istati, iċ-ċittadinanza tiegħu jew il-post ta' dawk il-

beni jista' jkun fattur speċjali fil-valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi fattwali kollha.

46. Issa din il-Qorti sejra tiddeċiedi f'dan l-appell li l-liġi applikabbli f'din il-kawża la għandha tkun il-*lex situs* kif indikat mill-Ewwel Qorti u mill-konvenuti appellati; u lanqas m'għandha tkun il-*lex domicilii* kif indikat mill-appellanta *nomine.* Mod ieħor il-liġi applikabbli għandha tkun dik kif regolata mill-**Artikolu 21 tar-Regolament 650/2012**, jiġifieri l-liġi tal-Istat li fih Francis Cutajar kellu r-residenza abitwali tiegħu jew il-liġi tal-Istat fejn Francis Cutajar kellu l-aktar rabta fil-mument ta' mewtu.

47. Naturalment id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont l-**Artikolu 21 tar-Regolament 650/2012** jitlob għal ċertu għarbiel taċ-ċirkostanzi tal-ħajja ta' Francis Cutajar fis-snin ta' qabel mewtu u fil-mument ta' mewtu. Għarbiel dan li sal-lum għadu ma sarx mill-Ewwel Qorti.

48. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk sabiex il-partijiet ma jitilfux il-jedd tad-*doppio esame*, huwa xieraq li dan l-għarbiel jibda billi jsir mill-Ewwel Qorti. Dan għandu jkun hekk, sakemm naturalment, il-partijiet ma jaqblux bejniethom li Francis Cutajar kellu r-residenza abitwali f'pajjiż wieħed biss, f'liema każ il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-attriċi *nomine*, tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tiddikjara li l-liġi applikabbli f'din il-kawża għandha tkun dik kif regolata skont l-**Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 650/2012**.

Billi din il-kawża kienet tolqot prinċipju ta' liġi mhux tas-soltu, il-Qorti qiegħda tordna li l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mas-sentenza tal-ewwel grad u mas-sentenza tal-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħalli tkompli bil-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm